**KUNSILL LOKALI IR-RABAT**
**IS-SEBA' LEĠIŻLATURA**
**MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU 69**

* **Il-Kunsill iltaqa` nhar** Data u ħin
**It-Tlieta 25 ta' Lulju 2017 fis-7.00 pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat**

** **PREŻENTI:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Charles Azzopardi | Sindku |
| Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| Is-Sur Peter Paul Azzopardi | Kunsillier |
| Is-Sur Paul Grech | Kunsillier |
| Is-Sur Andrew Mallia | Kunsillier |
| Is-Sur Ian Vassallo | Kunsillier |
| Is-Sur Rudolf Grima | Kunsillier |

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

| | |
|---|---|
| Is-Sra Doris Coleiro | Viċi Sindku |
| Is-Sur Stephen Borg | Kunsillier |

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sna Orietta Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

*** **Is-Sindku Charles Azzopardi ippresjeda l-laqgħa.**

**69.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

69.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittra ta' apoloġija tal-Viċi Sindku Doris Coleiro u l-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġija. Qari tal-ittri ta' apoloġiji

69.1.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittri ta' apoloġija tal-Kunsillier Stephen

Borg u l-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġija.

**69.2 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru 68**

69.2.1 Il-minuti tas-seduta numru 68 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru 68

** Il-Kunsillier Ian Vassallo daħal għal-laqgħa fis-7.15 ta' filgħaxija.

**69.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

69.3.1 Wara diskussjoni li saret ġew identifikati madwar 25 żona fil-lokalità bil-possibilità li fihom jiġu installati s-*CCTV cameras*. Is-Sindku qal li l-pass li jmiss kien li tali żoni jiġu diskussi mal-kuntrattur li ser jieħu ħsieb dan servizz. *CCTV cameras*

69.3.2 Is-Sindku ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill korrispondenza numru **50/0744/17** dwar il-*culvert* imkisser fi Triq Ħad-Dingli. *Culvert* imkisser fi Triq Ħad-Dingli

Is-Sindku informa l-laqgħa li dan il-każ kien diġà qed jiġi ttrattat u x-xogħlijiet huma mistennija li jibdew fil-jiem li ġejjin, dan wara intervent mis-Segretarju Eżekuttiv, mill-Kunsillier Nazju Cassar u mill-Kunsillier Andrew Mallia sabiex l-ispiża oriġinali setgħet titnaqqas drastikament.

69.3.3 Is-Sindku ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill Ċirkulari Numru 17/2017 – Interess minn Kunsilli Lokali biex jieħdu sehem fi proġett tal-Unjoni Ewropea WIFI4EU. Ċirkulari Numru 17/2017 – Interess minn Kunsilli Lokali biex jieħdu sehem fi proġett tal-Unjoni Ewropea WIFI4EU

Is-Sindku ppropona li l-Kunsill għandu japplika għal dan il-proġett. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Andrew Mallia. Il-Kunsill qabel unanimament.

**69.4 *Quarterly Financial Statements* (April – Ġunju)**

69.4.1 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv ippreżentaw il-*Quarterly Financial Statements* għall-perjodu ta' April – Ġunju 2017. *Quarterly Financial Statements* (April – Ġunju)

69.4.2 Is-Sindku ppropona li l-*Quarterly Repor*t jiġi approvat hekk kif ippreżentat. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Ian Vassallo. Il-Kunsill qabel unanimament. Kopja ta' dan il-*Quarterly Report* tinsab annessa ma' dawn il-minuti.

**69.5 Attendenza tal-Kunsillieri skont it-termini tal-artiklu 18 tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali**

69.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-attendenza tal-Kunsilliera għall-perjodu ta' bejn Jannar u Ġunju 2017. Hi ġabet għall-attenzjoni tal-Kunsill, li l-Kunsillier Paul Attendenza tal-Kunsillieri

Grech u l-Kunsillier Rudolf Grima naqqsu milli jattendu l-laqgħat skont Artiklu 18 tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali.

Fuq mozzjoni mressqa mis-Sindku Charles Azzopardi u ssekondata mill-Kunsillier Nazju Cassar, il-Kunsill unanimament qabel li jiġi rrakkomandat lill-Ministru biex il-post tal-Kunsillier Grech u tal-Kunsillier Grima ma jiġix iddikjarat vakant.

**69.6 Żmien ta' prova tal-impjegata Shirley Cardona**

69.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill li ż-żmien ta' prova tal-impjegata Shirley Cardona kien ser jiskadi. Wara li l-Kunsill ħa inkonsiderazzjoni tal-opinjoni pożittiva tas-Segretarju Eżekuttiv dwar l-imsemmija impjegata, fuq proposta tal-Kunsillier Ian Vassallo u ssekondata mill-Kunsillier Rudolf Grima, il-Kunsill unanimament qabel li l-kuntratt tal-impjegata Shirley Cardona jiġi estiż.

Żmien ta' prova tal-impjegata Shirley Cardona

**69.7 Ħatra tal-*Opening Staff* għall-għażla tal-offerta għall-provvediment ta' Servizz ta' *Contracts Manager* – RLC/0160/17**

69.7.1 Skont kif mitlub fid-Direttiva Numru 1/2016 - Migrazzjoni Sħiħa għall-Akkwist Elettroniku (*Electronic Public Procurement System – EPPS*), is-Sindku ppropona li l-*Opening Staff* tal-offerta għall-provvediment ta' Servizz ta' *Contracts Manager*, ikun kompost kif ġej:

*PO/OS* - Is-Sra Fabienne Vassallo
*PO/OS* - Is-Sra Victoria Privitera

Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Ian Vassallo. Il-Kunsill qabel unanimament.

Ħatra tal-*Opening Staff* għall-għażla tal-offerta għall-provvediment ta' Servizz ta' *Contracts Manager* – RLC/0160/17

**69.8 Ħatra tal-Kumitat tal-Evalwazzjoni għall-għazla tal-offerta għall-provvediment ta' Servizz ta' *Contracts Manager* – RLC/0160/17**

69.8.1 Skont kif mitlub fid-Direttiva Numru 1/2016 – Migrazzjoni Sħiħa għall-Akkwist Elettroniku (*Electronic Public Procurement System – EPPS*), is-Sindku ppropona li l-Kumitat tal-Evalwazzjoni tal-offerta għall-provvediment ta' Servizz ta' *Contracts Manager*, ikun kompost kif ġej:

Ċerpersin *PO/ESR* – Is-Sna Orietta Cardona
Membru *PO/ES* – Is-Sindku Charles Azzopardi
Membru *PO/ES* – Is-Sur Andrew Mallia
Membru *PO/ES* – Is-Sna Janice Dingli
Segretarju *PO/ES* - Is-Sra Roberta Galea

Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Nazju Cassar. Il-Kunsill qabel unanimament.

Ħatra tal-Kumitat tal-Evalwazzjoni għall-għazla tal-offerta għall-provvediment ta' Servizz ta' *Contracts Manager* – RLC/0160/17

**69.9 Ħatra tal-*Opening Staff* għall-għażla tal-offerta għall-provvediment ta' Servizz ta' Tindif u Żamma tal-Latrini Pubbliċi fir-Rabat b'miżuri li ma jagħmlux ħsara 'l-ambjent - RLC/T/0161/17**

69.9.1 Skont kif mitlub fid-Direttiva Numru 1/2016 - Migrazzjoni Sħiħa għall-Akkwist Elettroniku (*Electronic Public Procurement System – EPPS*), is-Sindku ppropona li l-*Opening Staff* tal-offerta għall-provvediment ta' Servizz ta' Tindif u Żamma tal-Latrini Pubbliċi fir-Rabat b'miżuri li ma jagħmlux ħsara 'l-ambjent, ikun kompost kif ġej:

Ħatra tal-*Opening Staff* għall-għażla tal-offerta għall-provvediment ta' Servizz ta' Tindif u Żamma tal-Latrini Pubbliċi fir-Rabat b'miżuri li ma jagħmlux ħsara 'l-ambjent - RLC/T/0161/17

*PO/OS* - Is-Sra Fabienne Vassallo
*PO/OS* - Is-Sra Victoria Privitera

Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Ian Vassallo. Il-Kunsill qabel unanimament.

**69.10 Ħatra tal-Kumitat tal-Evalwazzjoni għall-għazla tal-offerta għall-provvediment ta' Servizz ta' Tindif u Żamma tal-Latrini Pubbliċi fir-Rabat b'miżuri li ma jagħmlux ħsara 'l-ambjent - RLC/T/0161/17**

69.10.1 Skont kif mitlub fid-Direttiva Numru 1/2016 – Migrazzjoni Sħiħa għall-Akkwist Elettroniku (*Electronic Public Procurement System – EPPS*), is-Sindku ppropona li l-Kumitat tal-Evalwazzjoni tal-offerta għall-provvediment ta' Servizz ta' Tindif u Żamma tal-Latrini Pubbliċi fir-Rabat b'miżuri li ma jagħmlux ħsara 'l-ambjent, ikun kompost kif ġej:

Ħatra tal-Kumitat tal-Evalwazzjoni għall-għazla tal-offerta għall-provvediment ta' Servizz ta' Tindif u Żamma tal-Latrini Pubbliċi fir-Rabat b'miżuri li ma jagħmlux ħsara 'l-ambjent - RLC/T/0161/17

Ċerpersin *PO/ESR* – Is-Sna Orietta Cardona
Membru *PO/ES* – Is-Sindku Charles Azzopardi
Membru *PO/ES* – Is-Sur Andrew Mallia
Membru *PO/ES* – Is-Sna Janice Dingli
Segretarju *PO/ES* - Is-Sra Roberta Galea

Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Nazju Cassar. Il-Kunsill qabel unanimament.

**69.11 Konsultazzjoni dwar Triq tan-Nigret**

69.11.1 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0634/17**, is-Sindku ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill korrispondenza riċevuta mill-Ministeru tat-Transport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali sabiex il-Kunsill jagħti l-veduti tiegħu dwar l-immaniġġjar tat-traffiku fiż-żona tar-*roundabout* tan-Nigret.

Konsultazzjoni dwar Triq tan-Nigret

Wara diskussjoni li saret, il-Kunsill ma qabilx mal-idea li l-karrozzi jgħaddu minn fejn l-appartamenti tal-Gvern peress li t-toroq ta' fejn l-appartamenti ma jifilħux għal dak l-influss kollu tat-traffiku. Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li għandu jsir *Traffic Management Plan* minn 'Transport Malta'. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Paul Grech. Il-Kunsill qabel unanimament.

** Il-Kunsillier Rudolf Grima talab li jiġi skużat fit-8.10 ta' filgħaxija.

**69.12 Fondi mgħotija lir-Reġjun Tramuntana sabiex isiru toroq bl-asfalt**

69.12.1 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0719/17**, is-Sindku ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill korrispondenza riċevuta mir-Reġjun Tramuntana dwar fondi li ser jitqassmu bejn il-Kunsill fi ħdan ir-Reġjun sabiex isiru toroq bl-asfalt. Fondi mgħotija lir-Reġjun Tramuntana sabiex isiru toroq bl-asfalt

Wara diskussjoni li saret, il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi ppropona li b'dawn il-fondi ssir l-parti l-oħra ta' Triq Konti Ruġġieru. Issekonda din il-proposta il-Kunsillier Paul Grech. Il-Kunsill qabel unanimament ukoll li jekk li l-fondi mgħotija mir-Reġjun ma jkunux biżżejjed tali fondi jinħarġu mill-allokazzjoni tal-Kunsill.

**69.13 Talba għal rimborż minħabba ħsarat fuq vettura**

69.13.1 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0679/17**, is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill irċieva talba għal rimbors ta' ħsara li ġiet ikkawżata fuq *tyre* ta' vettura b'konsegwenza ta' kurduna ta' bankina mkissra. Talba għal rimborż minħabba ħsarat fuq vettura

Wara li l-Kunsill iddiskuta din it-talba, iddeċieda unanimament li din ma tiġix milqugħa.

**69.14 Xiri ta' dijarji 2018**

69.14.1 Is-Sindku ppropona li bħal kull sena jinxtraw id-djarji għas-sena 2018 għall-Kunsilliera, il-Membri tal-Kumitati Amministrattivi u l-*istaff* tal-Kunsill. Issekondat din il-proposta l-Kunsillier Paul Grech. Il-Kunsill qabel unanimament u awtorizza lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex tiddeċiedi skont il-ħtieġa wara li jkunu nġabru l-kwotazzjonijiet. Xiri ta' dijarji 2018

**69.15 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Kumitat Amministrattiv tal-Baħrija – Seduti numru 32, 33 u 34**

69.15.1 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li l-minuti tal-Kumitat Amministrattiv tal-Baħrija, seduti numru 32, 33 u 34 jittieħdu bħala moqrija. Il-Kunsillier Nazju Cassar issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament. Kopja tal-imsemmija minuti tinsab annessa ma' dawn il-minuti. Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Kumitat Amministrattiv tal-Baħrija – Seduti numru 32, 33 u 34

**69.16 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

69.16.1 B'referenza għall-pagament bin-numru 9632 dovut lis-Sur Joseph Azzopardi il-Kunsill ma qabilx li japprova dan il-pagament peress li l-*planters* imkissra li kien hemm f'Misraħ Anton Aguis baqgħu ma nġabrux minn dan il-kuntrattur kif mitlub mill-Kunsill. Pagament numru 9632

69.16.2 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li l-iskeda tal-ħlasijiet numru 271 tiġi approvata. Issekondaw din il-proposta l-Kunsillier Paul Grech u l-Kunsillier Andrew Mallia. Il-Kunsill qabel unanimament. Kopja tal-imsemmija skeda tinsab Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti numru 271

annessa ma' dawn il-minuti.

**69.17 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

69.17.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgħa tal-Kunsill li jmiss għandha ssir nhar it-Tlieta 22 ta' Awwissu 2017 fis-7.00 ta' filgħaxija. Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

69.17.2 Il-laqgħa ntemmet fit-8.35 ta' filgħaxija.

Minuti approvati llum .............................. ............ ta'.......................... 2017

| | |
|---|---|
| **(IFFIRMATA)** | **(IFFIRMATA)** |
| **Charles Azzopardi**<br>**Sindku** | **Orietta Cardona**<br>**Segretarju Eżekuttiv** |